# L-Arċipriet Ġiovanni Andrea Vella

## f'għeluq id-disgħin sena minn mewtu (21-2-1916)

minn Mons. Lawrenz Sciberras

Is-sena jaħbat id-disgħin anniversarju mill-mewt tal-kappillan u l-ewwel arċipriet Dun Giov Andrea Vella. Dan kien l-aktar ragħaj spiritwali li dam fostna u magħna hawn ta' Sannat: għamel kważi 53 sena. Bosta u bosta huma l-opri li jixhdu u jgħajtu b'qawwa kbira ż-żelu u l-imħabba mmensa li dan l-arċipriet kellu lejn raħalna u b'mod speċjali lejn il-patruna tagħna Santa Margerita. U għalhekk kien jixraq li wieħed ifakkar almenu waħda minn dawn l-opri li jgħajtu ismu, għaliex ħallas għaliha kollha minn butu. Din hija l-koppla majestuża u proporzjonalment tant preċiża fit-tifsila u l-pjanta tagħha.

**Ġustizzja ma'min jixraqlu**


D. Gio-Andrea Vella
CAPPILLAN
U LEUUEL ARCIPRIET TA SANNAT
UARA LI QUASI GHAL 53 SENA
MEXXA BI HRARA
B-IMHABBA U BI PRUDENZA
IL PARROCCIA
U HABREG B-ZELU U B-GHERF
GHAL GID, TAL CNISIA U TAR-RAHAL
TA TUAJJEB MISSIER
MIBCHI MIL FKAR
IMHASSAR MIN CULL MIN JAFU
HALLA DAN IL UIED TAD-DMUH
FIL 21 TA FRAR TA L-1916
R. I. P.
Gesu! Maria! Giusepp! (Ind 7 snin u 7 q.)
Gesù hanin ghat'h il mistrieh ta dejjem (Ind 7 snin, u 7 quar.)

L-arċipriet Vella twieled fir-raħal tan-Nadur nhar l-4 ta' April 1834. B'xorti tajba fil-familja kellu liz-ziju qassis, u għalhekk dan bil mod il-mod beda jħajjar lin-nepputi biex isir qassis. U b'xorti tajba mhux biss dan Ġwann-Andrija sar qassis imma kellu lil ħuħ ukoll Salvu li qabad din l-istess triq qaddisa. Ta' anqas minn tletin sena dan Ġwann-Andrija sar kappilan ta' raħalna. U kellu ikun huwa li sar l-EWWEL arċipriet tagħna bid-digriet mogħti minn Ruma nhar id-19 ta' Diċembru 1893. Dan l-arċipriet huwa marbut b'rabta speċjali magħna, u dan għaliex l-istess ġismu qiegħed midfun fil-kappellun tal-Kurċifiss. Fuq qabru hemm skrizzjoni bil-Latin li tixhed l-opri kbar li huwa għamel.

Issa sabiex wieħed jieħu idea ċara tal-ħidma wtiqa ta' l-arċipriet Vella, ser insemmi fil-qosor ħafna xi wħud mill-opri kbar u li aħna għadna sa' illum ingawdu mhux biss matul jiem il-festa imma wkoll matul is-sena kollha. Ibda biex l-arċipriet Vella kabbar il-knisja kemm fil-korsija kif ukoll biż-żewġ navi. Id-disinn tal-faċċata u tal-kampnari huwa tal-perit Klement Busuttil fis-sena 1882. Fost l-akbar opri li saru fi żmien l-arċipriet Vella ta' min isemmi l-istatwa tal-qaddisa Santa Margerita; din saret Marsilja għand id-ditta Galard et Fils Statuaire u waslet fostna f'Lulju 1891. Tbierket mill-isqof Giov. M Camilleri. Id-damask tal-palma li iħammer il-knisja matul jiem il-festa. Nannti Ċetta Xiberras nee Muscat flimkien ma ħutha Marija, Karmni u Dolora, li kienu ta' Dun Luqa, qaluli espressament li kull nhar ta' Ħadd in-nisa tar-raħal kienu jaħdmu sagħtejn xogħol fil-bizzilla, biex imbagħad il-flus li jdaħħlu jmorru biex tinxtara il-"tapizzerija", kelma li kienet tgħidli n-nanna. L-orgni li sal-ġurnata ta' llum għadu isebbaħ u jissolleniżża l-funzjonijiet liturġiċi. Dan fih 1180 kanna tal-metal, 18-il pedaliera, u sitt reġistri tas-sieq. Ġie jiswa L208. Id-ditta hija ta' Gaetano Cavalli f'Lodi. Indaqq għal ewwel darba fil-quddiesa funebri li saret għal mewt tal-Papa Ljun XIII. Din saret nhar it-22 ta' Lulju 1903.

Opri oħra ta' l-arċipriet Vella huma: qampiena l-kbira li kienet tiżen 21 qantar u 8 irtal. Tbierket nhar it-13 ta' Settembru 1891. Kellha ton ta' Re naturali. Illum din il-qanpiena qiegħda fir-raħal ta' Ħal Tarxien Malta. F'dan ir-raħal diġa kien hemm qampiena oħra ta' l-imgħallem Ġulju Cauchi u kellha it-ton ta' Si bemoll. Hekk bejn dawn iż-żewġ qniepen hemm forma ta' akkordju. Ta' min isemmi wkoll it-tużell kemm l-injam kif ukoll il-bellus irrakkmat f'Lyons Franza, u miegħu l-kappa tan-nofs, l-kanopew tat-tabernaklu, vintartal, il-pjaneta u terħa tal-liġiju. Id-disinn ta' dawnl-opra kollha kienu ta Monsinjur Ġużeppi Farruġia tal-Vers. Ma dawn inżidu wkoll is-sett lampieri tal-fidda.

**Il-koppla**

Iżda forsi l-opra l-aktar li tgħajjat b'leħen qawwi u tinkuruna l-ħidma ta' l-arċipriet Vella, hija l-koppla li tiddomina 'l fuq. Għal dik li hija perfezzjoni fil-qisien u d-disinn tagħha, din il-koppla hija waħda mill-isbaħ ta' gżiritna. Iżda hemm punt importantissmu għaliex din il-koppla tgħajjat bir-dritt kollu lil Arċipriet Ġwann-Andrija Vella. Minn dokument uffiċċjali jidher ċar li għal din l-opra fil-knisja tagħna ħallas kollha għaliha l-arċipriet fuq imsemmi. Din il-koppla biex saret qamet L250.5.11 liri sterlini. Dan qiegħdin nitkellmu mis-sena 1910, mela 96 sena ilu.




Dawn il-flus kollha l-arċipriet ħariġhom minn butu. Tant li litteralment huwa ħareġ kull sold li kellu. Ma kienx fadallu flus anqas għal istess funeral u quddies għal ruħu. Għalhekk bħala sinjal ta' rikonixximent għal dan kollu l-isqof Giovanni Camilleri laqgħa t-talba ta' l-arċipriet biex isirulu erba quddiesiet għal-ruħu kull sena.

Iżda tajjeb li hawn wieħed iżid xi dettalji dwar din il-koppla maestuża tagħna. U l-ewwel mistoqsija li wieħed jagħmel hija kif inhi din li biċċa xogħol bħal dik damet timbena sitt xhur biss!? Dak inhar ma kinex hemm cranes u mezzi oħra moderni. Mela kif seta dan isir. Kienet ir-rieda u l-volontà żonqrija tan-nies ta' Sannat: irġiel, nisa, żgħażagħ, u anke tfal. U magħhom anzi fuq quddiem nett kien hemm l-arċipriet Vella. Ix-xogħol fuq il-koppla beda fix-xahar ta' Mejju 1910, u spiċċa nhar il-15 ta' Ottubru ta' l-istess sena. Il-perit tagħha kien Ugo Mallia iben l-avukat Emanweli, u l-bennej prinċipali kien Pupull Farruġia taċ-Ċattu mix-Xewkija. L-ispejjez tas-sittax-il tieqa qamu L40 lira sterlina. Mir-ritratt il-kbir wieħed jista' jara kif sar l-armar biex il-ħaddiema setgħu itellu l-ġebel kbir għal bini. Travi tal-ħadid, fallakki ħoxnin u travi ta' l-injam weqfin għal rashom. Ma dawn wieħed irid iżid l-użu ta' ħafna ħbula u slielem.



Wieħed jinnota wkoll l-użu tal-menża, dik l-injama ħoxna li tiġi wżata biex iġorru biha l-ġebel tqil. Dettal ieħor huwa li l-ġebel tant kien kbir li hemm erba irġiel jerfu dik il-blokka, li aktarx hija tas-sekonda. Il-ġebel kollu inqata mill-barrieri ta' Sufa li hawn f'raħal stess. Ukoll l-użu tal-ġir biex ikaħħlu bih, u jingulmaw il-ġebel. Dan kollu ġie mill-kalkari tal-ġir li kien hawn ukoll f'raħalna. Jien niftakar erba kalkari tal-ġir kollha idaħħnu: waħda minnhom anzi l-unika waħda li għad hawn Għawdex għada taħdem u tagħmel il-ġir. Din qiegħda għand Kelinu Curmi fi Triq tal-Grawwa. Il-ħaddiema kienu lebsin qlieżet ħoxnin tal-qoton, u ma qaddhom jilbsu terħa wiesa tan-newl. Osservazzjoni oħra li għamilt jien hija dwar in-numru ta' ħaddiema. Meta għoddejt il-ħaddiema taż-żewġ ritratti fit-tnejn għoddejt 10 min-nies! Żmien l-imgħoddi, żmien sabiħ u li jorbot miegħu tifkiriet tassew ħelwin.

Meta wieħed jara u jaħseb dwar dan kollu, il-konklużjoni għandha tkun waħda. Kemm għandna għaliex ngħidu grazzi lil dawk li ġew qabilna u kemm għandna ngħożżu tassew wirt missirijietna. Grazzi fuq kollox lilek l-ewwel ariċipriet u benefattur altruwista tagħna: Gwann-Andrija Vella. Tassew li għalkemm mejjet għadek titkellem.